

# 1 Il-kamp tal-Indjani

Mill-bidu ndunajt li l-affarijiet se jmorru ħażin. M'hemmx għalfejn tkun xi saħħar kbir tat-tribù Apaxx minn dawk li jbassru x'se jiġri billi jaqraw il-messaġġi fid-dħaħen. Int kieku titħajjar għal ġita fil-miftuħ għall-klassi kollha fit-Tramuntana ta' Franza? U temmen kieku jgħidulek li hemmhekk, ħdejn Boulogne-sur-Mer jinsab il-kamp tal-kap Indjan kbir, Ġeronimu? Jien le. Xejn affattu!

Mhux biss għax, milli qrajt, Boulogne-sur-Mer hija belt tas-sajjieda u ma fiha xejn li jfakkrek fil-films tal-Indjani u l-*cowboys*. Imma l-aktar … għax mhux faċli titmejjel b'Arkimeda Lapsi, l-INVESTIGATUR tal-iskola li kixef il-klikka tal-lagħba taċ-ċajt.

Hija n-natura tiegħi ta' investigatur li ġegħlitni nkun suspettuż: is-Sur Bezzina, is-surmast tal-iskola, għażel l-itinerarju għalina. U biżżejjed tħares daqsxejn lejn l-ingravajjet li jilbes biex tinduna li dar-raġel m'għandux gosti tajbin! U lanqas sħabi ma qabżu bil-ferħ malli semgħu bil-kamp tal-Indjani. Filumena biss – jew Filo, kif kont insejħilha – kienet kuntenta li kienet sejra, għax:

1. Dit-tifla ma tantx taf dwar l-Indjani,

2. Ma taf assolutament xejn dwar it-Tramuntana ta' Franza,

3. U dejjem moħħha biex titgħallem dwar affarijiet ġodda.

L-argumenti tagħha favur il-vjaġġ ma tantx

ikkonvinċewna, imma jien ktibthom fil-pitazzi tiegħi, peress li jien investigatur u nieħu nota ta' kollox.

Ilbieraħ filgħodu, aħna u sejrin lejn l-ajruport, qaltli, madankollu: "Biex niftiehmu, kont nippreferi kieku morna l-Amerka f'riżerva Indjana biex nara kif jgħixu n-nies tat-Tramuntana ta' Franza, milli bil-maqlub!"



U aħna kollha bqajna nħarsu lejha b'għajnejna mberrqin: Filo tifla simpatika, imma kultant, ħej, diffiċli tifhimha.

Tul il-vjaġġ xorta ppruvajt nikkonvinċi ruħi: 24 siegħa kuljum, għal ħamest ijiem, flimkien ma' sħabi, bilfors li se jkollna mumenti fejn se nidħqu ħafna …

Iżda bilkemm ilħaqna wasalna li ma bdewx il-problemi. L-għalliema tagħna, Miss Abela, intebħet li l-linja tal-ajru kienet tilfitilha l-bagalja. Kienet bin-nervi u riedet bilfors li nibqgħu l-ajruport sakemm isibuha u jwassluhielha hemmhekk. U mela, biex nispiċċaw nagħmlu xi tmien sigħat nistennew il-bagalja tal-Miss, x'ġennati! Fortunatament ikkonvinċewha mod ieħor. Iżda, wara, Miss Abela tgħidx x'burdata kerha kellha fuqha. Kelli raġun nissuspetta li dil-ġimgħa ġita kienet se tħallielna togħma qarsa.

Fil-fatt insejt nispjegalkom ħaġa: malli wasalna fil-belt ta' Terlincthun (li, ejja ngħiduha

kif inhi: bħala isem jinstema' ħafna aktar wieħed ta' xi mkien fit-Tramuntana ta' Franza milli fil-Far West!) Miss Abela sar jisimha Ors Għaqli Kbir. Din hija waħda mir-regoli tal-villaġġ Ġeronimu: kollha kemm aħna kellna nagħżlu isem Indjan. Jien għażilt Sħab Iswed għalija, għax kulħadd kien jaf kemm kont kuntent (xejn affattu!) li kont hawn …

U iva, qed nesaġera ftit. Sa dalgħodu ma konniex sejrin ħażin. Chti Futé, it-taparsi-Indjan tat-Tramuntana ta' Franza li kien se jieħu ħsieb il-grupp tagħna, kien simpatiku. Imma ħej, kellu l-vizzju xejn sabiħ li meta jitkellem ma jikkonjugax il-verbi sew, biex mingħalih jinstema' iktar qisu Indjan. Jien xejn ma kont qed nemmen għax:

1. Huwa Indjan daqskemm jien Indjan,
2. L-Indjani mhumiex stupidi, u jafu jikkonjugaw il-verbi, ħlief forsi fil-films.

Ilbieraħ filgħaxija, kollha mdawrin mal-ħuġġieġa tal-kamp, ma ħassejniex kesħa. Is-




sema, mingħajr lanqas sħaba waħda, kien mimli stilel. Jiġifieri dak li jgħidu dwar it-Tramuntana ta' Franza ma tantx hu minnu. Mhux veru li l-ħin kollu nieżla x-xita. Chti Futé għallimna għanja Indjana. Ħelwa, imma diffiċli tgħid kinitx verament bil-lingwa Indjana jew jekk kienx qed jivvinta kollox! Allura, qabel irqadt, ħloqt fajl dwar Chti Futé, u fih ktibt il-kliem kollu li stajt niftakar. Jekk dan Chti Futé huwa